**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 409 / 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**kontra**

**Anthony Agius**

Illum 24 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Anthony Agius, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 104672 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-13 ta' April 2021, ghall-habta ta' 18:30hrs, fi Triq il-Mitjar ta' San Niklaw, limiti tas-Siggiewi:

1. Uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBT 082 fit-toroq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bhala sid jew xufier tal-imsemmija vettura naqas li jara li jkollha dejjem u f' kull zmien licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta bi ksur tar-regolament 14 (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02;

3. Kellu l-imsemmija vettura fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta u naqas li jgeddida kull sena bi ksur tar-regolament 13 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-26 t' Ottubru, 2021, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u mmultatu s-somma kumplessiva ta' elfejn, tlett mija u erbghin ewro (€2,340) pagabbli fuq medda ta' ghaxar xhur u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar u imponiet 6 punti penali fuq il-licenzja.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony Agius, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkalibra l-piena komminata ghal wahda iktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tar-rikorrenti appellant huma cari, manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

A. **Dwar il-Piena Kominata**

A.1. **L-Iskwalifika tal-Licenzja tas-Sewqan**

L-appellant huwa edott mill-fatt li sejbien ta' htija a tenur tas-subinciz (1) tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 inissel, bhala konsegwenza, l-iskwalifika tal-licenzja

tas-sewqan ghal perijodu ta' tnax (12)-il xahar, b' danakollu, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi f' certi cirkostanzi li hi **tqis bhala ragunijiet specjali** tnaqqas jew izzid mill-perjodu ta' skwalifika, jew taghti kull ordni ohra - u cioe' li anke addirittura ma tapplikax tali skwalifika.

L-esponenti jfakkar, fl-ewwel lok, li huwa kkopera bis-shih mal-Pulizija u kif ukoll li din kienet l-ewwel darba li huwa xellef dufrejh mal-gustizzja u tressaq quddiem Qorti. Kollox jindika li l-appellant mhuwiex wiehed minn dawk il-persuni li ma jitghallimx mill-izbalji tal-passat u jkompli joghdos fl-izbalji tieghu stess u konsegwentament jisfida l-ligi u l-gustizzja.

Jigi rilevat li l-esponenti huwa bennej *self-employed* u m' ghandu ebda' lavranti jahdmu mieghu. Kwindi ta' kuljum l-esponenti isuq ghax-xoghol wahdu b' van [li mhux dak mertu ta' dan l-appell] mghobbi bl-ghodda, makkinarju u materjal li hu jigi bzonn fl-operat tal-mestier tieghu. Ikun b' hekk inutli ghall-appellant li jsib minn iwasslu ghax-xoghol jew alternattivament jaqbad tal-linja jew *taxi* u dana ghaliex il-garr tal-ghodda u l-materjal huwa *part and parcel* tal-mestier tieghu.

L-impatt ta' tali skwalifika ser tkun kbira ghall-appellant u familtu. Skwalifika li zzommu milli jsuq ghal sena (1) shiha fil-prattika sejra tfisser li mhux biss huwa ser ikun kostrett jabbanduna n-negozju tieghu izda wkoll li hu u l-bqija ta' familtu ser jispiccaw f' qaghda finanzjarja *to not be able to make ends meet* partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-esponenti jrid ukoll ilahhaq mal-pagamenti tal-*bank loan* li huwa ghandu mal-HSBC Plc.

Iz-zewgt itfal tal-appellant, minkejja li ma humiex ta' eta' tenera, ma ghandhom ebda' introjtu finanzjarju. It-tifla tieghu ghandha 21 sena u ghadha studenta gewwa l-Universita' ta' Malta u t-tifel, ta' 18-il sena, daqstant iehor ghadu qieghed jistudja gewwa l-MCAST.

Minn-naha l-ohra, mart l-appellant ghandha impjieg bhala infermiera fl-Isptar Mater Dei, b' danakollu, il-paga taghha biss certament mhux ser isostni familja ta' erba (4) minn nies ghal sena shiha.

Fl-ahhar nett, l-esponenti jirrileva li dak li huwa ghamel nhar it-13 ta' April 2021 ghamlu biss ghaliex il-vettura primarja tieghu, li hija licenzjata u assigurata b' polza skont il-ligi, kienet bil-hsara. Stante li ma kellu lil hadd sabiex iwasslu ghax-xoghol huwa kien kostrett juza l-vettura mertu ta' dan l-appell.

L-appellant jikkjarifika li bl-ebda mod ma huwa qed jipprova jiggustifika kwalsiasi ksur ta' ligi. Xejn affattu. Anzi reat kriminali jibqa' reat kriminali, u jekk tinstab htija, l-persuna misjuba hatja mistennija illi tiehu l-piena li jisthoqqilha. B' danakollu, fid-dawl tal-fatturi specjali supra elenkati, l-appellant jemmen li l-perjodu tal-iskwalifika fuqu mpost huwa wiehed eccessiv u jimmerita temperament.

In sostenn tas-su espost, l-appellant jaghmel referenza ghall-edizzjoni tal-2013 tal-**Blackstone Criminal Practice**,[1] fejn taht is-subtitolu ' Mitigating Circumstances' , jinghad is-segwenti:

> *"Exceptional hardship is often advanced in relation to the offender' s employment. In those circumstances the Court might consider whether or not a licence to drive is necessary for the offender either to go to work or because his occupation is, or entails, driving. Such matters as his hours and pattern of work, together with the distances he must travel in order to reach his work and the availability of public transport, are relevant, as are details*

[1] Anthony Hooper, David Ormerod, Peter Murphy, John Phillips, *Blackstone' s Criminal Practice* (23rd edn, Oxford University Press 2013) C7.28, Pg. 1151.

*of his age and health and any other means of transport available to him.* ***<u>If loss of his licence may mean loss of his job or reduced wages, the Court may consider any unusual hardship that may result to the family of the defendant and any unusual hardship that may be occasioned to them if he were to lose his licence</u>****. The fact that he is a businessman, with employees dependent upon him and his ability to drive, may be considered, but the Court should be careful to inquire as to other means of transport or available methods of effecting his necessary business.* ***<u>It is necessary to demonstrate not only that the defendant will lose his employment but also that there are other circumstances associated with that loss which might involve reflected hardship of a serious kind on the defendant' t business, family or long-term prospects</u>*** *(Brennan v McKay 1997 SLT 603)". [sottolinejar tal-appellant].*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali[2] fl-ismijiet ' **<u>Il-Pulizija v. Hadrian Busietta</u>**' deciza nhar it-28 ta' April 2010 fejn wara li l-Qorti qieset, fost fatturi ohra, li l-appellant f' dak il-kaz ma kienx saq il-vettura minghajr polza ta' assigurazzjoni b' mod kappriccuz, ghaddiet sabiex tirriduci l-perjodu ta' skwalifika impost minn tnax (12)-il xahar ghal wiehed ta' hmistax (15)-il jum:

*Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-appellant kellu l-assigurazzjoni ta' Larissa D' Agata li se tiehu hsieb hi l-licenzja u l-assigurazzjoni u meta din ma rnexxilhiex milli tottjenihom sa l-ahhar ta' Mejju naqset milli tinforma lill-appellant. Irrizulta wkoll illi huwa ma saqx il-vettura kapriccozament izda sabiex ikun jista' jaghtiha lin-neputija tieghu f' kundizzjoni tajba sabiex hi ma tinkorrix f' perikolu. Inoltre l-fedina penali tieghu ma turix kondotta refrattarja (xilef difrejh mal-ligi f' zewg okkazjonijiet, darba madwar hamsa u ghoxrin sena ilu u darb' ohra aktar minn ghoxrin sena ilu). Ghall-kuntrarju*

[2] per Onor. Imhallef David Scicluna.

*ghandu xoghol regolari, jiehu hsieb lil missieru u huwa nvolut fil-volontarjat. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-perijodu ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan."*

Fl-ahhar nett, l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija v. Stephen Spiteri**' [3] fejn giet ritenut illi:

> *"Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"*

Fid-dawl tas-su espost l-appellant umilment jemmen li fil-kaz odjern jezistu, fit-termini tas-subinciz (2A) tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ragunijiet specjali li jimmeritaw temperament fil-perjodu ta' skwalifika fuqu impost.

Illi dak kollu kontenut f'dan l-aggravju qieghed jikkonfermah bil-gurament tieghu l-appellant.

Semghet lill-partijiet jitrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti

[3] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013.

tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT**[4] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[5] intqal:-

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul millewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

---

[4] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-21 ta' April 2005
Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li : Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[6]

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[7]

---

[6] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

[7] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa il-provi prodotta biex tara jekk il-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienitx wahda severa jew le u dan qed jinghad ghaliex huwa ormai principju pacifiku li din il-Qorti ta' revizjoni ma tbiddilx il-piena moghtija mill-ewwel Qorti jekk tali piena hija wahda li tirrijentra fil-piena legislatttiva prospettata.

Illi din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci,**[9] "sahhet li mhux normali li din il-Qorti tal-Appell tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrijentra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[10]":- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod

vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

[8] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

[9] Deciza nhar is-26 ta' Marzu 2009 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

[10] Deciza nhar is-26 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)."

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet rijassunt tal-provi prodotti:-

Illi nhar is-26 ta' Ottubru 2021 l-Ufficcjal Prosekutur ipprezenta l-affidavit ta' **PC 1071.** Dan spjega li nhar it-13 ta' April 2021 huwa kien dettaljat mat-taqsima tal-EPPU mill-5.00 a.m 'l quddiem. Hekk kif kien stazzjonat temporanjamaent minhabba l-istagun tal-kacca fir-rebbiegha f'din il-gurnata inzammet road check gewwa Triq il-Mitjar ta' San Nikaw limiti ta' Siggiewi u minn dan ir-road check twaqfet vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni BBT 082 mill-kollegi tieghu. Fuq il-post jghid li kien hemm PS 130 u irrizultalhom li din il-vettura kienet qed tinstaq bil-licenzja u polza ta' assigurazzjoni taghha maqtugha mix-xuffier.

Rat ukoll l-affidavit anness mal-komparixxi rilaxxjat minn **PC 1253 D Schembri.** Dan spjega illi nhar it-Tlieta 13 ta' April 2021, huwa, flimkien ma PS 130 u PC 1071 wetqu spezzjoni fuq vetturi li kienu ghaddejja fi Triq il-Mitjar, ta' San Niklaw, limiti tas-Siggiewi u dan fuq struzzjoni moghtija lilhom mill-Ispettur Elliott Magro tal-EPU. Ghall-habta tas-18.30 p.m waqfu vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni BBT 082 li kienet qed tigi misjuqa minn Anthony Agius detentur tal-karta ta' identita numru 104672M. Hekk kif bdew jghamlu verifiki fuq il-licenzja tas-sewqan u fuq il-vettura, gie nutat li l-vettura kienet fit triq minghajr licenzja aggornata kif ukoll minghajr ma kienet koperta bi polza ta' sigurta.

Fuq dan, Agius gie moghti d-dritt tieghu sabiex jitkellem ma avukat tal-fiducja tieghu izda dan irrifjuta tali assitenza. Is-sur Agius gie ordnat biex ma jsuqx il-vettura minn fuq il-post u kif ukoll gie infurmat illi ser jinhareg tahrika fil-konfront tieghu.

Rat l-affidavit ta' PS 130 R. Farrugia li kkonferma dak kollu li stqarr **PC1253 D. Schembri** fl-affidavit tieghu.

Rat li nhar il-15 ta' Frar, 2022 xehdet **Karen Cremona** ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta u pprezentat dokument mahrug mill-istess Transport Malta. Minn ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBT 082 hija tal-ghamla Isuzu Elf ma kienitx licenzjata biex tinstaq fit-triq pubblika bejn it-28 ta' Frar 2021 sat-28 ta' April 2021 u ghalhekk fil-jum tal-akkadut ma kienitx koperta b'licenzja tat-triq.

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cedric (Cedric Charles) Sciberras[11] il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Angelo Scuderi** [12], kien gie deciz li mid-dicitura ta' l-artikolu 10(1) tal-Kap 104 jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabilita ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-istess artikolu, anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex per ezempju, id-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikoli (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa` l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1).

Illi fil-kaz in ezamina, l-appellant li kellu l-obbligu li jipprova li kellu polza ta' sigurta mahruga fuq il-vettura li kien qed isuq ai termini tal-artikolu 3 (1) (a) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u naqas li jghamel dan u ghalhekk tali akkuza tirrizulta provata. Jinghad hawnhekk li t-tieni akkuza hija involuta fl-ewwel akkuza u ghalhekk din il-Qorti tikkonferma il-htija misjuba mill-ewwel Qorti li l-appellant ma kellux polza ta' sigurta waqt is-sewqan tieghu.

[11] Deciza nhar is-26 ta' Marzu 2015 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[12] Deciza nhar it-3 ta' Novembru, 2005 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

Fir-rigward tat-tielet akkuza u cioe li saq il-vettua numru ta' registrazzjoni BBT 082 bla ma kellha licenzja tas-sewqan biex tkun fit-triq, jinghad li mid-dokument esebit mix-xhud Karen Cremona irrizulta li l-vettura ma kellhiex licenzja imhalsa ghall-perijodu ta' bejn it 28 ta' Frar 2021 u t-28 ta' April 2021 u ghalhekk tali akkuza giet provata kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti.

Il-Qorti rat l-artikolu 2 (a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovi s-segwenti dwar il-piena:-

> *l-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;"*

Waqt li l-piena li tista' tigi kommitata ghar-rigward it-tieni akkuza hija dik ta' ammenda ta' mhux iktar minn €56.

Ghalhekk, il-Qorti rat li l-ammont ta' €2,340 jeqreb lejn il-minimu fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u konsegwentement ma thossx li ghandha tnaqqas tali ammont.

Din il-Qorti ghalhekk qed issib lill-appellant hati tat-tieni akkuza kif inkorporata fl-ewwel akkuza u hati tat-tielet akkuza u tikkundannah multa ta' €2,340. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni ghaliex ghandha tbiddel jew tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement l-aggravju dwar il-piena wkoll qed jigi respint.

Dwar il-konfiska, din il-Qorti rat li hemm biss piena minima tassattiva, li fil-kaz ta' sewqan bla kopertura ta' polza tal-assikurazzjoni kontra r-risjki ta' terzi, hija ta' skwalifika mil-licenzji ghal perjodu ta' sena, skond l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-

Ligijiet ta' Malta. Hu minnu li dan l-artikolu jipprovdi li din l-iskwalifika tista'ma tinghatax jekk il-Qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor, pero' f'dan il-kaz ma tirrizulta ebda raguni specjali li tista' b'xi mod tiggustikfika li din il-Qorti teroga skwalifika inqas minn dik tassattivament iffissata mill-ligi. Il-fatt li l-appellant ghandu bzonn isuq il-vettura tieghu minhabba ragunijiet ta' xoghol, messha kienet raguni 'l ghala huwa ghandu jiehu hsieb li jsuq vettura li tkun koperta b'polza ta' sigurta, u dan ghaliex kieku habat, il-konsegwenzi setghu kienu hafna aktar dizastruzi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tichad l-appell billi tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-akkuzi kollha, u ghalhekk qeghda tikkonfermaha fil-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta.

Il-perjodu tal-iskwalifika tal-appellant milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghandu jibda' jsehh minn-nofs il-lejl tal-lum.

Ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tawtorizza lill-appellant ihallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt euro (€100).

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur